MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2012

Rikors Numru. 19/2004/1

**Philip Cutajar u hutu Paul Cutajar, Carmel Cutajar, Francis Cutajar, Raymond Cutajar, Nicolette Cutajar, Marie Louise Farrugia, Isabelle Farrugia, Marianne Farruiga, Emanuela Cutajar u Antoniette Cutajar**

**vs**

**Sammy Baldacchino**

Il-Bord.

Ra r-rikors promutur tar-rikorrenti fejn qed jiddikjaraw:

Illi huma proprjetarji tal-eghlieqi maghrufin rispettivament bhala ‘Tal-Pilastru’ u ‘Tal-Hnejja’, it-tnejn fil-limiti tas-Siggiewi, liema eghlieqi prezenzjalment mqabbla lill-intimat Sammy Baldacchino versu l-qbiela ta’ ghoxrin lira Maltin (Lm20) fis-sena pagabbli kull Awissu ta’ kull sena;

Illi a bazi tal-Kap 199 tal-Ligijiet ta’ Malta, r-rikorrenti ghandhom id-dritt illi jitterminaw l-qbiela u jiehdu lura l-pussess tar-raba hawn fuq imsemmi, fosthom minhabba inadempjenza fil-hlas tal-qbiela, bzonn tar-raba, nuqqas ta’ attivita’ fl-istess raba da parti tal-intimat kif ukoll l-istat hazin u l-izdingar li hemm fl-istess eghlieqi;

Illi huwa minnu li Sammy Baldacchino naqas milli jiehu hsieb r-raba in kwistjoni u kif ukoll illi naqas milli jhallas il-kera mis-sena 2001 u dan skond kif ser jigi ppruvat mir-rikorrenti fil-mori tal-kawza in kwistjoni;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitlobu bir-rispett ili dan l-Bord joghgbu;

1. Jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-eghlieqi indikati u cioe’ dawk rispettivament maghrufa bhala ‘Tal-Pilastru’ u ‘Tal-Hnejja’, t-tnejn fil-limiti tas-Siggiewi u dan ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija;

2. Jipprefiggi lill-intimat zmien qasir u perentorju sabiex jizgombra mill-istess eghlieqi hawn fuq imsemmija, u jekk ikun il-kaz, jillikwida l-kumpens dovut skond il-ligi;

Bl-ispejjes kollha kontra l-intimat;

Ra r-risposta tal-intimat fejn qed jesponi:

Illi preliminarjament ir-rikorrenti ghandhom jippruvaw it-titolu taghhom;

Illi fil-kwalsiasi kaz it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandom jigu respinti bl-ispejjes kontra r-rikorrenti;

Illi kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti, l-intimat dejjem hallas il-qbiela u kienu r-rikorrenti li rrifjuttaw li jkomplu jaccettaw il-qbiela;

Illi l-intimat ghalhekk ipproceda biex jiddepozita l-qbiela l-Qorti;

Illi kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti, ir-raba' ma tinstabx fi stat hazin u m'hijiex zdingat;

Illi l-anqas ma jezistu l-elementi rikjesti mil-ligi sabiex ir-rikorrenti jiehdu r-raba' ghall-bzonnijiet taghhom;

Salv eccezzjonijiet ohra;

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ikkonsidra:

Illi f'din il-kawza ir-rikorrenti donnhom qeghdin jitolbu r-ripreza tar-raba' mikri lill-intimat ghall-zewg ragunijiet, jigifieri morozita' fil-hlas tal-kera u traskuragni tal-istess raba. Fil-premessi taghhom, r-rikorrenti l-ewwel jghidu x'inhuma b'mod generali ir-ragunijiet moghtija fil-Kap 199 ghaliex huma, *fost ohrajn,* jistghu jirriprendu r-raba imbaghad jissoktaw jispecifikaw morozita' u traskuragni da parti tal-intimat. Minkejja din in-nuqqas ta' kjarezza l-Bord ser jghaddi sabiex jezamina kull raguni mressqa mir-rikorrenti sabiex jirriprendu r-raba' in mertu;

In primis, izda jehtieg li tkun sorvolata t-talba tal-intimati sabiex ir-rikorrenti jippruvaw it-titolu taghhom. Ir-rikorrenti lkoll xehdu illi dan ir-raba kien jappartjeni lill-missierhom. L-intimat jikkonferma li kein ihallas il-kera lill-missier ir-rikorrenti u wara mewtu kienu rrifjutaw li jippercepixxu l-kera. Inoltre kien jiddepozita l-kera taht l-Awtorita' tal-Qorti sabiex ikun irtirat mir-ikorrenti odjerni. Ghalhekk il-prova tat-titolu qed titqies sorvolata.

Opportunement tajjeb li jkunu sintettizati l-provi mressqa mill-partijiet. Ir-rikorrenti kollha xehdu b'mod illi l-intimat minn dejjem kien irregolari fil-hlas tal-qbiela u li kellhom diversi talbiet minn terzi sabiex jikrulhom dan ir-raba' ghaliex kienu jahsbu li m'hu qed jinhadem minn hadd tenut l-istat zdingat li kien jinsab fih. Meta kien ghadu haj missierhom, kien baghat ghall-intimat sabiex ikellmu dwar

l-istat tar-raba' u kien ukoll talbu li jirritorna l-pussess tieghu la darba ma kienx qed jinhadem. L-istess rikorrenti xehdu illi huma raw b'ghajnehom hitan tas-sejjieh mwaqqa' f'diversi bnadi u kien hemm ukoll mansab mekkanizat li jahdem bil-batteriji. Ir-rikorrenti jilmentaw ukoll mill-fatt illi f'dan ir-raba kien hemm kamra antika li spiccat borg gebel;

L-intimat laqa' ghal dan kollu billi ressaq xhieda li huma bdiewa girien li kkonfermaw illi dejjem raw ir-raba' mahdum u mizmum kif suppost hlief fiz-zmien meta l-intimat kien korra bil-mohriet u kien iqabbad lil terzi sabiex jaghmlu x-xoghol mehtieg huma ghan-nom tieghu. Huwa izid jghid illi l-kamra minn dejjem kienet imwaqqa u kien anke hammel iz-zewgt ibjar tar-raba bi spejjez kbar u anke lahaq saqqaf wiehed minnhom bix-xorok tal-franka. Dwar il-kera, l-intimat jghid li kienu r-rikorrenti li ma accettawx il-hlas u ghalhekk kien kostrett li jiddepozita l-istess taht l-awtorita' tal-Qorti;

L-ewwel lanjanza tar-rikorrenti hi dwar il-morozita' fil-hlas tal-kera. L-artikolu 4 (2)(e) tal-Kap 199 jipprovdi illi l-Bord jista' jawtorizza r-ripreza tar-raba' jekk is-sid *jipprova illi matul is-sentejn minnufih qabel id-data tat-terminazzjoni, il-kerrerj ikun naqas, relattivament ghal zewg perjodi jew izjed li jhallas il-kera, f'kull okkazzjoni fi zmien hmistax-il gurnata li fiha sid il-kera jkun talbu bil-miktub biex ihallas.* Il-provi in rigward migjuba mir-rikorrenti huma li wara li missierhom kien baghat ghall-intimat diversi drabi inutilment kien inkariga avukat sabiex jiktiblu. Din l-ittra qatt ma ngiebet bhala prova. Issa, ghalkemm ma hemmx htiega li talba ghal-hlas tal-kera trid issir in iskritt jew b'xi forma partikolari, il-kwistjoni invarjabilment tippernja fuq il-prova li dik it-talba tkun verament saret. Mill-assjem tal-provi dwar din il-parti tal-vertenza jemergi illi kienet abbitudini accettata li l-intimat ihallas il-kera tardivament. Ghalkemm skond il-gurisprudenza dan ma jikkrea l-ebda ftehim fil-modalita' tal-hlas u l-intimat jkun qed jissogra hafna meta jahseb li ghandu xi dritt tacitu li jhallas tardivament, jemergi illi meta l-intimat mar sabiex ihallas il-kera, wahda minn ulied ir-rikorrenti qabdet tghajjat ma' missierha sabiex ma jaccettax l-istess. L-intimat jallega illi

r-rikorrenti zammew il-kuntier tal-kera ghandhom u issa qieghed fis-sitwazzjoni fejn lanqas dan il-Bord ma jista' jikkontrolla xi hlas kien sar relattiv ghall-perjodu ta' sentejn qabel it-terminazzjoni. Il-prova f'dan ir-rigward hija pjuttost wahda pezanti ghaliex ir-rikorrenti iridu juru illi l-intimat kerrej dam aktar minn hmistax-il jum f'kull wahda minn zewg okkazzjonijiet sabiex ihallas jew joffri l-kera lis-sid u din il-prova ma saritx;

It-tieni raguni vantata mir-rikorrenti sabiex jirriprendu dan ir-raba' hija "bzonn tar-raba". Huwa immedjatament evidenti illi talba bazata fuq din il-premessa fil-kaz odjern hija destinata li tfalli. Ghalkemm din ir-raguni tinsab ukoll ravvizata fl-artikolu 4(2)(a) tal-Kap 199, ir-rikorrenti prattikament citaw biss il-bzonn tar-raba' minghajr ma ressqu il-provi mehtiega jew adew mar-rekwiziti verament oneruzi in rigward. L-artikolu appena citat jipprovdi li l-Bord jista' jawtorizza r-ripreza jekk is-sid *jehtieg ir-raba biex jigi uzat ghall-skopijiet agrikoli minnu personalemnt jew minn xi membru tal-familja personalment ghal perjodu ta' mhux anqas minn erba' snin konsekuttivi li jibdew minnufih wara d-data tat-terminazzjoni.* Marbuta ma dan il-provvediment hemm il-*proviso* tal-artikolu 4(2) li jirraviza li r-raba' ma jinghatax lura fil-kaz li l-kerrej jipprova li dan huwa fonti importanti ghall-ghixien tieghu. Il-Bord ukoll ma jawtorizzax ir-ripreza f'kaz li l-intimat ikun ser ibati aktar mis-sid jekk tintlaqa' t-talba tieghu. Inoltre f'kull kaz, kien jispetta ukoll lir-rikorrenti jitolbu *ad nullitatem* lill-Bord sabiex jiffissa l-kumpens talvolta pagabbli lill-kerrej f'kaz li kellha tintlaqa' t-talba (**Monica Caruana et vs Joseph Borg** App Civ 24.11.2004) ghalkemm hija kwistjoni sanabbli (**V. E. Ciliberti vs Andrew Galea et** 9.2.05). Kien minhabba f'hekk illi Bord haseb illi t-tieni premessa tar-rikorrenti kienet wahda generika li tirrecita d-drittijiet taghhom li jirriprendu r-raba taht il-Kap 199 u dan mill-mod kif ippostulaw il-premessi u t-talbiet dwar ir-ripreza bazata fuq il-bzonn oltre l-fatt li ma jissemma assolutament xejn fil-provi taghhom;

Dak hawn appena konsiderat, jigifieri r-rekwiziti emergenti mill-artikolu 4(2)(a) u *proviso* jissarfu fi procedura u rekwiziti ben definiti kif ahjar spjegat fil-gurisprudenza in

rigward. Talba bhal dik in dizamina ma tisghax tkun akkolta *sic et simplicitur* fuq dikjarazzjoni ta' bzonn da parti tas-sid rikorrenti izda jehtieg ezami approfondit fuq tlett livelli kif enuncjat fil-kawza **Grezzju Caruana et vs Guzeppi Degabriele App 12/1993 deciz 3/11/2004**, fejn kien rriteniet hekk:

Jinsab spjegat fis-sentenza fl-ismijiet "**Jane armla minn John Mary Calleja *et* -vs- Francesco Calleja *et***", Appell, 6 ta' Ottubru 2000, illi skond it-test tal-ligi fuq riprodott, "l-iter procedurali li kellu allura jigi segwit mill-Bord kien issegwenti:-

"(a) Il-Bord kellu jkun sodisfatt illi s-sid tar-raba kien jehtiegu biex jigi wzat ghal skopijiet agrikoli minnu personalment jew minn xi membru tal-familja. Din il-prova kellha ssir qabel kollox u fl-ewwel lok minn sid il-kera;

"(b) Il-kerrej kellu mbaghad jipprova li r-raba in kwistjoni kien fonti importanti ta' l-ghixien tieghu u tal-familja tieghu;

"(c) Jekk dan l-element jigi sodisfacentement pruvat mill-kerrej, il-Bord kellu jikkonduci l-ezami komparattiv li l-ligi tesigi biex ikun sodisfatt li l-kerrej kien ser ibati aktar minn sid il-kera jekk ir-rikors jigi milqugh.";

Jokkorri ghalhekk li jkunu ezaminati l-fatti f'din l-ordni u l-ewwel obbligu ta' hdax-il sid rikorrenti huwa proprju li jissodisfaw lil dan il-Bord illi kull wiehed u wahda minnhom ghandhom htiega tar-raba' biex ikun uzat **minnhom personalment jew minn xi membru tal-familja** u dan ghal skopijiet agrikoli. Dan ukoll la darba ma premettewx li ghandhom bzonn ir-raba' ghal uzu minn wiehed minnhom. In rigward ta' dan l-ewwel aspett, jigifieri dak tal-**htiega**, fis-sentenza tad-9 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Giovanna Spiteri et vs Loreto Zerafa et**, l-Qorti tal-Appell irriteniet is-segwenti li dan il-Bord iqis bhala ta' importanza tali li qed tkun riprodottoa parti sostanzjali minnha:

Mill-iskorta tad-diversi decizjonijiet, ta' l-imghoddi u tal-prezent, jidher li l-interpretazzjoni l-aktar akkurata li tiddixxendi mill-precitat artikolu tal-ligi hi dik kif hawn taht sintetikament rifless:-
(1) Ir-rekwizit tal-bzonn hu wkoll sodisfatt bid-dikjarazzjoni guramentata tar-rikorrenti. Ara "Andrea Zammit et -vs- Carmelo Bonnici", Appell, 13 ta' Novembru, 1979;
(2) Il-bzonn ma ghandux ikun wiehed impellenti jew urgenti imma ragonevoli jrid ikun. Dan fis-sens li rrikorrenti jrid tassew jissodisfa lill-Bord li hu jrid jiehu r-raba lura ghal skopijiet agrikoli. Mhux bizzejjed, allura, is-semplici dikjarazzjoni generika maghmula mir-rikorrenti li ghandu bzonn ir-raba' ghalih. Ara f'dan is-sens "John Zammit et -vs- Salvatore Falzon et', Appell, 5 ta' Novembru, 1996;
(3) "Indubbjament, il-bzonn ekonomiku, u cjoe il-htiega li s-sid jirriprendi l-pussess tal-fond biex jahdmu hu u jzid l-introjtu tieghu u tal-familja hu forsi l-iktar wiehed ovvju u indiskutibbli. Mhux eskluz pero` li jista' jkun hemm ukoll bzonnijiet ohra inqas apparenti, imma daqstant iehor validi, biex jawtorizzaw ir-ripresa tal-fond mis-sid li jehtieglu jipprova li t-talba tieghu ma kienetx kapriccjuza imma kienet immirata biex tissodisfa l-bzonn tieghu jew tal-familja tieghu". Vide "Anthony Abela et -vs- Francis Degabriele", Appell, 9 ta' Lulju, 1999;
(4) Fi kliem iehor il-bzonn irid ikun genwin u in bona fede u mhux intenzjonat biex is-sid japprofitta ruhu halli wara li jottjeni r-raba' jispekulah favur haddiehor. Ara "Evangelista Xuereb -vs- John Agius proprio et nomine", Appell, 16 ta' Novembru, 1976;

Issa, waqt id-deposizzjoni ta' kull wiehed mir-rikorrenti, qatt u imkien ma semmew li ghandhom htiega ta' dan ir-raba fit-termini tal-artikolu 4(2)(a). Kienet biss wahda mir-rikorrenti li meta rrispondiet domanda in kontro-ezami qalet li ir-raba ghandhom bzonnu ghalihom. Philip Cutajar a fol 93, mistoqsi x'kien fi hsiebu jaghmel bir-raba wiegeb hekk: "Heq dik issa imbaghad 'l quddiem z-zmien jaghtina parir hux". Raymond Cutajar a fol 106 wiegeb li jridu r-raba ghal skopijiet kummercjali. L-unika okkazzjoni fejn dan il-Bord rega sema bil-kwistjoni ta' htiega kienet fis-sottomissjonijiet tal-intimat ghaliex altrimenti ma ntqal xejn aktar matul it-trattazzjoni tar-rikors u ghalhekk dan il-

Bord m'ghandux ghalfejn jinoltra aktar dwar din il-premessa li fil-gurisprudenza hija vista minn ottika verament stretta;

Ir-rikorrenti iressqu ukoll bhala raguni ohra l-fatt illi l-intimat abbanduna r-raba' u mhux qed juzah. Anke hawn, l-artikolu 4(2)(d) jipprovdi ghad-dritt ta' ripreza *jekk matul is-sentejn minnufih qabel id-data tat-terminazzjoni, l-ghalqa thalliet ma tinhadimx ghal mill-anqas tnax-il xahar konsekuttivi skond il-kalendarju.* Ir-rikorrenti lkoll xehdu illi kienu ilhom jinnutaw l-ghalqa mhix qed tinhadem u mimlija haxix hazin u ezebew ritratti in rigward li verament juru raba' kollu haxix hazin. Kif gia intqal, l-intimat jinnega dan kollu u jghid illi dawk ir-ritratti ittiehdu fi zmien wara li jkun ha l-wicc. Il-bdiewa girien tal-intimat ukoll xehdu li dejjem raw ir-raba' mahdum. L-intimat ressaq ukoll il-persuna li dejjem hartitlu r-raba' b'ingenji kbar madwar tlett darbiet jew erba matul is-sena b'mod infallibbli u *ippakkjalu* [l-hsad] u kien ukoll xtara hamrija sabiex jirrimpjazza dik li tkun telqet max-xita u ressaq persuna li kkonfermat li ghinitu jnaddaf il-bjar. L-intimat spjega illi meta korra bil-mutur tal-hart kien ghamel zmien fejn ma setghax jahdem l-ghalqa izda xorta wahda kien qabbad lil terzi biex jaghmlulu x-xoghol huma;

Kif irriteniet il-Qorti tal-Appell fil-kawza **Markiz Joseph Scicluna vs Joseph Bezzina et 6 t'Ottubru 1999** citata b'approvazzjoni fil-kawza **Fortunata Callus u zewgha Emanuel Callus vs Maria Farrugia** (App Civ 20/10/2003): *"Din il-Qorti tifhem li meta l-ligi titkellem dwar uzu ta' raba riedet tfisser illi r-raba jkun mahdum skond is-sengha biex jigi utilizzat ghall-produzzjoni tal-prodotti. Ma kienetx allura tifhem li r-raba jkun qed jigi wzat jekk sempliciment kull tant zmien tintefa` ftit zerriegha mhollija ghall-elementi. Meta hekk jigri wiehed gustament seta' jsostni li r-raba ma jkunx qed jigi wzat imma abbuzat.* Dan certament mhuwiex il-kaz odjern ghaliex l-haxix hazin u allegat zdingar apparenti fir-ritratti ezebiti ma jurux meta ttiehdu u kienu kollha zdettati mix-xhieda tal-intimat u l-intimat inniffsu. Anke l-periti membri tal-Bord sabu art mahruta meta accedew fir-raba'. Sahansitra l-*aerial*

*photograph* tas-sena 2004 esebit mir-rikorrenti stess juri raba’ debitament kurat;

Dwar ir-rapport tal-periti membri, opportunement irid jinghad illi dawn iddikjaraw illi ezaminaw ix-xhieda tar-rikorrenti u huwa apparenti illi xi ftit jew wisq ir-rapport taghhom huwa marbut ma’ dak li qalu l-istess rikorrenti. Dan ma kellux ikun ghaliex il-periti membri kellhom biss jaccedu fir-raba’ u jaraw il-kondizzjoni tieghu b’mod oggettiv irrespettivament minn dak li setghu qalu r-rikorrenti. U dan aktar u aktar meta l-intimat kien ghad lanqas kellu l-opportunita li jixhed u jizdetta l-verzjoni tar-rikorrenti. L-inkarigu tal-periti membri ghandu jkun limitat ghall-kostatazzjonijiet fattwali u certament m’hemmx il-htiega li fir-rapport taghhom il-periti membri jaghmlu sommarju ta’ dak kollu li kien registrat sa dakinhar fl-inkartament tal-kawza specjalment fejn si tratta ta’ riproduzzjoni ta’ digrieti moghtija mill-Bord fil-mori u mhux konnessi mal-inkarigu tal-periti membri;

Tajjeb li jinghad ukoll illi mix-xhieda tar-rikorrenti stess jemergi illi wara li missierhom kien kellem lill-intimat dwar l-istat tar-raba, kienu huma stess li kontra l-ligi zammew lill-kuntrattur tal-intimat milli jkompli jahrat ir-raba appena lemhuh fir-raba. Dawn ma kellhom l-ebda dritt iwaqqfu lill-intimat milli jahrat ir-raba’ sabiex b’hekk igibuh inadempjenti mal-obbligi tieghu;

Kwantu ghall-hitan tas-sejjieh, l-intimat jammetti illi partijiet minnhom kienu mwaqqgha u minkejja li rega bnihom dawn reghhu iggarrfu. Huwa xehed li din hija kwisjtoni kontinwa izda dejjem jaghmel mill-ahjar biex izommhom fi stat tajjeb. Il-ligi taghti importanza partikolari ghall-hitan tas-sejjieh kif evidenti fl-artikolu 4(2)(f) tal-Kap 199 u dan logikament ghaliex huma aspett importanti ghaz-zamma tajba tal-hamrija u fatturi ohra. Tajjeb illi jinghad illi dan ir-raba’ ghandu superfici ta’ cirka hdax-il tomna. Dan ifisser illi huwa cirkondat b’1466-il metru, kilometru u nofs hajt tas-sejjieh, jekk mhux aktar peress li si tratta ta’ zewg eghlieqi, u ghalhekk ma hemm xejn barra minn normal illi l-manutenzjoni tal-hitan tas-sejjieh hija mehtiega

kontinwament.. Pero' imbaghad daqstant iehor m'ghandux is-sid jiehu vantagg kull darba li jara xi selha fil-hitan;

Kwantu ghall-kamra mwaqqgha, dan il-Bord mhux ser jinoltra fit-tul ghaliex huwa evidenti illi din il-kamra ilha imwaqqgha kemm ilu jokkupa r-raba' l-intimat tant li din tidher bhala borg gebel f'ritratt mill-ajru bid-data tal-1967 (fol 82);

Issa r-rikorrenti qeghdin jilmentaw ukoll illi fir-raba' *de quo* hemm mansab li jahdem bil-batteriji minn gewwa kamra mdawwra bil-hgieg u *aluminium* u saqaf tal-pjanci. L-intimat tant ma jiffrekwentax ir-raba li anqas biss jaf li sar dan il-mansab minn terzi.  Ir-rikorrenti sidien jghidu li ghandhom *videos* u ritratti ta' dan il-mansab pero' mid-dokumenti kollha esebiti ma hemmx ritratt wiehed jew *video* ta' dan il-mansab u ghalhekk il-konsiderazzjoni dwar din il-lanjanza jieqfu hawn ghaliex ma ngiebet ebda prova ohra dwaru.  F'kawzi ohra simili kienu necessitati konsiderazzjoni dwar jekk il-mansab jinsabx fuq parti xaghri tar-raba, kemm mir-raba' jokkupa superfici, jekk hux permanenti jew temporanju fi zmien meta r-raba jkun qed jistrieh u konsiderazzjonijiet simili. Fil-kaz odjern, dawn il-konsiderazzjonijiet ma jistghux isiru ghaliex ir-rikorrenti ma ressqux ghajr allegazzjoni u waqfu hemm;

Maghmula dawn il-konsiderazzjoni u ezaminati l-atti kollha, jemergi b'mod inkonfutabbli illi l-vera raguni ghaliex ir-rikorrenti iridu jirriprendu dan ir-raba jinsab fil-fatt illi dawn iridu sabiex jaqsmuh bejnithom ghal skopijiet li certament mhux agrikoli.  Ir-rikorrenti mhumiex gabilotti u jemergi illi huma ghadhom ma ghamlux divizzjoni tal-beni ta' missierhom qabel ma tkun deciza din il-vertenza.  Ir-rikorrenti xehdu illi meta missierhom kien baghat ghall-intimat kien infurmah li jrid ir-raba' lura biex iqassmu lil uiedu.  "Dak inhar stess missieri kien qal lil Sammy li kien se jghaddi r-raba' lil uliedu u li kienu se jamministrawh it-tfal.  Dak inhar Sammy issupervja, qabad u telaq" (fol 10). L-intimat ma kellux ghalfejn jissuperva billi jibda jhallas il-kera lil ulied is-sid tar-raba' izda dan juri li l-intimat kien fehem ben tajjeb li s-sid ried lill-intimat johrog mir-raba u jhallih vakanti ghall-uliedu.  Marie-Loouise Farrugia stess

tghid “Waqt li kien ghadu haj missieri kien isemmi li dawn l-eghlieqi ried jehodhom lura f’idu minghand is-Sur Sammy Baldacchino ghaliex kien iridhom ghalina l-ulied. Ghandi amment ukoll li missieri kien baghat ghal Sammy xi darbtejn sabiex jitkellmu dwar dan”. Din hija l-vera raguni ghaliex ir-rikorrenti jridu dawn il-hdax-il tomna raba’ sabiex jinqasam komodament bejn il-hdax-il ahwa u dan issahah il-konvincement morali ta’ dan il-Bord li l-fatti mhumiex kif allegati mir-rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi, t-talbiet tar-rikorrenti qed ikunu michuda;

L-ispejjez tal-kawza ghandhom ikunu sopportati interament mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------